Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 1/2014

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 2853 bejn:**

**Victor Spiteri (ID.707154M)** **[Appellat]**

**u**

**Pisciculture Marine de Malte Limited (C 12129)** **[Appellanti]**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju, 2016.

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors li Victor Spiteri pprezenta quddiem it-Tribunal Industrijali fejn allega tkeccija ingusta mill-impieg tieghu[1] bhala *Packing Manager* mas-socjeta' ntimata ghal ragunijiet li ma kinux gusti u sufficjenti skont il-ligi u dan stante li skont is-socjeta' ntimata r-rikorrent kellu tilwima mas-Sur Robert Aquilina, Direttur Manigerjali ta' l-istess socjeta' ntimata fil-25 t'Awissu 2010 meta fil-fatt ma kien hemm ebda tilwima u s-socjeta' ntimata ppruvat issib skuzant biex titterminalu l-impieg. Huwa spjega kif fl-10 t'Awissu 2010 inharget 'Memo' mill-Kumpanija dwar kif kellu jittiehed il-*leave.* Sa dakinhar ir-rikorrent kellu ammont sostanzjali ta' *leave/time in lieu* akkumulat. Ir-rikorrent kien applika ghal xi jiem ta' *leave* f'Settembru 2010 izda bi qbil mas-Sur Aquilina accetta li dawn jigu kancellati. Minflok is-Sur Aquilina qallu li huwa jista' japplika ghall-*leave* fil-perjodu minn Ottubru 2010 sa Frar 2011. Fis-16 t'Awissu 2010 ir-rikorrent rega' applika ghal xi granet ta' leave f'Ottubru 2010 u dawn gew approvati. Izda fil-25 t'Awissu 2010 huwa sab li l-leave tieghu ta' Ottubru 2010 rega' gie kkancellat minghajr ma gie nfurmat u huwa ddispjacih hafna. Ir-rikorrent ikkomunika bl-email mas-Sur Aquilina biex jitlob spjegazzjoni ghal dan izda minflok, is-Sur Aquilina beda jheddu u jipprovokah li jkeccih mix-xoghol. Meta l-ghada mar ix-xoghol ir-rikorrent gie nfurmat li huwa kien sospiz u ntalab biex jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol. Ir-rikorrent ilu mpjegat mas-socjeta' ntimata ghal izjed minn hmistax-il sena u dejjem ta l-ahjar servizz tieghu. Fis-27 t'Awissu 2010 ir-rikorrent ircieva ittra minghand il-*Financial Controller* tas-socjeta' ntimata sabiex jaghti spjegazzjoni ghat-theddid ta' vjolenza fizika fil-konfront tas-Sur Aquilina u allegazzjonijiet ohra nfondati ghall-liema ittra r-rikorrent wiegeb u ta l-ispjegazzjonijiet tieghu. Sussegwentement permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru 2010 huwa gie avzat li l-impieg tieghu gie terminat.

[1] *Full time* u b'kuntratt indefinit

Rat ir-Risposta tas-socjeta' ntimata[2] li permezz taghha ggustifikat it-tkeccija tar-rikorrent minhabba ncident li sehh fil-25 t'Awissu 2010. L-impieg tar-rikorrent dejjem kien wiehed difficli ghax kien skontruz f'xogholu u kemm il-darba wera nuqqasijiet serji. Is-socjeta' appellanti tat il-verzjoni taghha tal-incident tal-25 t'Awissu 2010 – filghodu s-Sur Robert Aquilina cempel lir-rikorrent biex jinfurmah li kien frott ta' zball jew bi zvista li gie kkancellat il-*leave* tieghu ghal Ottubru 2010 u li ghalhekk ma kellux problema biex jiehu l-*leave* kif talab originarjament. Dan l-izball/zvista kien kawzat minhabba bosta applikazzjonijiet ghall-*leave* li waslu ghand is-Sur Aquilina f'Awissu 2010 li jkopru Ottubru 2010, Novembru 2010 u Frar 2011 li kollha gew approvati. Izda s-Sur Aquilina haseb li l-*leave* ta' Novembru ser jikkancella l-*leave* t'Ottubru u ghalhekk kiteb il-kelma *"CANX"* fuq id-dokument tal-*leave*. Ir-rikorrent qala' argument fuq il-*leave* anke wara li s-Sur Aquilina spjegalu dak li kien gara u qallu li l-*leave* jista' fil-fatt jiehdu. Izda wara din l-ispjegazzjoni r-rikorrent ghadda biex imaqdar lill-impjegati l-ohra tal-kumpanija u sfida lis-Sur Aquilina biex jiltaqghu barra. Minkejja li s-Sur Aquilina qallu biex jaghmlu laqgha fl-ufficju tieghu ir-rikorrent ma marx. L-argument kompla meta r-rikorrent kompla jcempel l-ufficcju diversi drabi u x'hin kellmu s-Sur Aquilina ir-rikorrent infexx fi kliem hazin u theddid ta' vjolenza fil-konfront tas-Sur Aquilina. Dan l-attakk, li sar fil-prezenza ta' mpjegati ohra, kompla sakemm is-Sur Aquilina qata' l-linja ghax ma felahx jisma' aktar. Wara dan l-agir, is-socjeta' ntimata hadet parir legali u ssospendiet lir-rikorrent. Wara li huwa ntalab formalment bil-miktub sabiex jirrispondi ghall-agir tieghu, kif fil-fatt ghamel, il-Kumpanija evalwat is-sitwazzjoni u tterminat l-impieg tar-rikorrent permezz ta' ittra registrata datata 4 ta' Settembru 2010 ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Jannar 2014 li kkonkludiet hekk:

*"Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent ma kinitx gustifikata, ghalkemm kien hemm nuqqasijiet mir-rikorrent, u f'dawn ic-cirkustanzi s-socjeta' ntimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens ta' tmint elef Ewro (Eur8,000) sa zmien xahar mil-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Ewro (Eur93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

Dan wara li ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. It-Tribunal sabha difficli jemmen xi wahda mill-verzjonijiet fl-intier taghha: kull verzjoni ghandha aspetti xejn verosimili u ghalhekk kien kostrett jirrikostruwixxi l-incidenti kif fil-probabilta' sehhew il-fatti;

ii. It-Tribunal jaccetta l-ispjega tal-malintiz peress li kemm iz-zmien kopert bil-*leave* t'Ottubru 2010 u kemm dak ta' Novembru 2010 jammontaw ghal 16 -il jum. Izda jekk inhu hekk Stephen Borg Millo (HR Manager) u Robert Aquilina zbaljaw meta ma vverifikawx dwar dan mar-rikorrent;

[2] Fol 5

iii. Meta fil-25 t'Awissu 2010 ir-rikorrent skopra li kellu l-leave t'Ottubru kkancellat hu beda jhewden ghalfejn, u eventwalment baghat email lil Robert Aquilina. Jidher li b'xi mod din l-email urtat lil Aquilina li rreagixxa agressivament sal-punt li lil Spiteri qallu li jekk hu mdejjaq u xeba' jista' jitlaq. Ir-rikorrent irrisponda li jekk jitlaq hu, ma kienx hemm sostitut idoneu ghalih;

iv. Il-konfront verbali bejn iz-zewg partijiet kompla. Aktar tard ir-rikorrent cempel lil Aquilina li minn naha tieghu ha t-telefonata mill-kamra tal-*Human Resources Manager* fuq l-*ispeaker*. Hawnhekk ir-rikorrent jidher li zvoga r-rabja kollha tal-leave (li sa dak il-punt kien ghadu ma nghata ebda spjega fuqha), tad-diskors li ntqal fil-ghodu u ta' offizi ohra li huwa seta' rcieva minghand l-imghallem tieghu tul is-snin u qabez il-limiti kollha;

v. Wara dan jidher li Aquilina ddecieda li jkecci lil Spiteri, pero' biex jidher li kollox qed isir gust Spiteri nghata zmien jiggustifika l-agir tieghu;

vi. It-Tribunal ihoss li ghalkemm ir-rikorrent naqas sew fil-konfront tas-superjur teghu meta qallu kliem dispreggativ, l-imgieba tar-rikorrent ghandha tigi evalwata fil-kuntest ta' mpjegat li ghandu kariga gholja fil-kumpanija u li kien qieghed ihossu li qed jigi stmat ta' tifel zghir;

vii. Ghalkemm ir-rikorrent qabez il-limit fid-diskors tieghu, jidher li fis-snin matul l-impieg huwa hadem ghall-avvanz tal-Kumpanija u dan m'ghandux jigi skartat, partikolarment meta r-rikorrent kien qorob lejn it-tmiem tal-karriera lavorattiva tieghu;

viii. Ghandu jkun hemm rispett reciproku bejn l-impjegat u min ihaddem u t-Tribunal ihoss li z-zewg nahat naqsu mir-rispett lejn xulxin. Ghaldaqstant it-tkeccija tar-rikorrent qed titqies bhala mizura wisq drastika u mhux gustifikata. Ghalkemm ir-rikorrent ma sabx impieg alternattiv, in-nuqqasijiet tieghu kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens.

Is-socjeta' ntimata hassitha aggravata b'din id-decizjoni tat-Tribunal u ressqet appell minnha quddiem din il-Qorti. L-appellat, assenti minn dawn il-gzejjer wiegeb permezz tal-mandatarja specjali tieghu. Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz.

Il-Qorti rat l-atti.

Il-kwadru tal-fatti li emerga quddiem it-Tribunal kien ta' mpjegat b'karriera ta' madwar sbatax -il sena f'kariga ezekuttiva fis-socjeta' ntimata, cioe' dik ta' Manager[3]. Ghajr ghal xi episodji fil-kors tas-snin, meqjusa serji mill-appellanti izda kontestati mill-appellat, hu pacifiku li l-episodju li wassal ghat-tkeccija tal-appellat kien dak li sehh fil-25 t'Awissu 2010 kif jirrizulta mill-ittra ta' tkeccija tal-4 ta' Settembru 2010[4]. L-origini tal-kwistjoni kienu xi applikazzjonijiet ghall-*leave* li l-appellat issottometta ghall-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kumpanija Robert Aquilina in segwitu ghall-hrug ta' Memo dwar kif seta' jittiehed il-*leave*. Wahda minn dawn l-applikazzjonijiet, dik li tkopri perjodu ta' leave mit-2 tas-17 t'Ottubru 2010, tat lok ghal

[3] Kuntratt indefinit iffirmat fis-6 t'Awissu 1993 a fol 133.

[4] Dok VS8 a fol 15.

argument shun bejn l-appellat u Robert Aquilina. Dan tal-ahhar jishaq li b'rizultat ta' malintiz huwa mmarka dawn id-dati bhala leave kancellat, u meta gie konfrontat mill-appellat b'telefonata dwar ir-raguni tal-kancellament, minkejja li nformah b'dan l-izball u li seta' jiehu l-leave f'dawn id-dati, l-appellat baqa' jargumenta. Dan l-argument ma waqafx hawn ghax f'telefonata ohra li saret mill-appellat aktar tard fil-gurnata, liema telefonata nstemghet ukoll minn kollegi ohra fuq *speaker*, Robert Aquilina jghid li l-appellat kellmu hazin, stiednu ghall-glied u ghajjru wkoll personalment inkluz b'missieru f'liema mument Aquilina qata' t-telefon. Il-kliem li semma' Aquilina gie piu' o meno korroborat mill-impjegati li semghu it-telefonata jew parti minnha. Min-naha l-ohra l-appellat jixhed li huwa kien dispjacut bil-kancellament tal-leave ghax kien ippjana li jsiefer u meta cempel lil Aquilina biex jara ghalfejn dan beda jirrabja mieghu u qallu biex ma jmurlux l-ufficcju meta jkun hemm hu, imbaghad akkuzah li mhuwiex imur l-ufficcju biex ma jkellmux u qallu wkoll li jekk iddejjaq jista' jitlaq. Ghal dan il-kliem l-appellat jghid li telaq lejn id-dar inkwetat ghax fehem li kien tkecca u anke xorob xi zewg grokkijiet. Aktar tard huwa cempel lil Aquilina u gholla lehnu mieghu izda ma heddux u ma kienx jaf li qieghed jinstema' fuq speaker. L-ghada rega' mar ix-xoghol ghax haseb li dak l-argument kien ghadda izda gie nfurmat biex jitlaq ghax kien sospiz. Wara li rrisponda ghal *charge* li harget il-kumpannija, l-impieg tieghu gie terminat peress li l-istess kumpannija ma kinitx sodisfatta li huwa rnexxielu jiggustifika l-agir tieghu.

Fid-decizjoni tat-Tribunal intqal:

*"Dan it-Tribunal ikollu jirrikostruwixxi l-incidenti kif fil-probabilita' sehhew il-fatti. It-Tribunal ser jaccetta l-ispjega tal-malintiz peress li kemm iz-zmien kopert bil-leave f'Ottubru u kemm dak ta' Novembru jammontaw ghal 16-il jum, pero jekk inhu hekk Borg Millo u Aquilina zbaljaw meta ma vverifikawx ma' Spiteri. Meta fil-25 ta' Awissu 2010 Spiteri sab li kellu l-leave ikkancellat, mar ikellem lil Aquilina izda dan kien ghadu ma dahalx, u ghalhekk hallielu l-applikazzjoni bil-mistoqsija "Why ?". Ghadda l-hin u Aquilina kien ghadu ma rrispondiex, mentri Spiteri baqa' jhewden ghalxiex kien qed jigi rifjutat lilu l-leave minghajr anqas biss jigi nfurmat. Ghalhekk baghtlu email. Jidher li b'xi mod din l-email urtat lil Aquilina, li minghajr anqas biss kellu zmien jifhem kif sehh il-malintiz u zball li kienu kkomettew hu u Borg Millo, irrejagixxa aggressivament sal-punt li lil Spiteri qallu "Jekk inti mdejjaq u xbajt itlaq." Spiteri rrispondieh li jekk jitlaq hu, Borg Millo (li soltu jirrimpjazzah) ma kienx kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu sew, u hawnhekk Aquilina rrispondieh li fil-kaz ix-xoghol ta' Spiteri jibda jaghmlu hu. Jidher li Aquilina ma riedx ikecci lil Spiteri imma ried jurih li hu jikkmanda, pero b'li gara u bi kliemu Spiteri wegga', kien konfuz u ma hassux f'kundizzjoni li jibqa' fuq ix-xoghol u telaq, aktar u aktar peress li kellu jmur ghal impenn iehor. Hu u sejjer, Aquilina cempillu biex imur lura halli jkellmu, izda dak kien qed isuq u kellu fejn imur u allura baqa' sejjer u qallu li jcempillu aktar tard. Hawnhekk Aquilina fehem li Spiteri ha ghalih bil-goff, u stenna li meta jcempillu lura kien ser itih hasla – previzjoni li esprimiha meta kellem lil Borg Millo. Ghalhekk meta Spiteri fil-fatt cempillu, Aquilina ddecieda li ma riedx ikellmu u bdew jaqtghulu l-linja (hekk xehed hu stess). Spiteri kien diga' rrabjat hafna, u fuq din li Aquilina ma riedx ikellmu aktar innervja u sahan, u baqa' jerga' jcempel. Aquilina ddecieda li jiehu t-telefonata, izda mill-kamra ta' Borg Milli u bit-telefon fuq il-loudspeaker. Hawnhekk Spiteri jidher li zvoga r-rabja kollha tal-leave (li sa dak il-punt kien ghadu ma nghata ebda spjega fuqha), tad-diskors li ntqal filghodu, u ta' offizi ohra li huwa seta' rcieva minghand l-imghallem tieghu tul is-snin, u qabez il-limiti kollha. Wara dan jidher li Aquilina ddecieda li jkecci lil Spiteri pero' biex jidher li kollox qed isir gust Spiteri inghata zmien jiggustifika l-agir tieghu. Filwaqt li z-zmien ghar-risposta gie estiz sat-3 ta' Settembru 2010, il-kumpannija kienet diga' talbet lil Spiteri jghaddilha 'kull dokument jew proprjeta tal-kumpannija fil-pussess tieghek,' skont l-email ta' Joseph Sammut tal-31 t'Awwissu 2010 (folio. 26)."*

**L-ewwel aggravju.**

Fil-fehma tas-socjeta' appellanti d-decizjoni tat-Tribunal hija vizzjata ghax ma hemmx rabta logika bejn il-konkluzjonijiet dedotti mix-xhieda u l-ammissjonijiet osservati mill-istess Tribunal, mad-decizjoni li t-Tribunal wasal ghaliha fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet u ghall-fatt li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu wasal ghal konkluzjonijiet favur l-appellat fuq assunzjonijiet u prezunzjonijiet ibbazati fuq dokument li fil-fatt qatt ma gie prezentat in atti.

Minn naha tieghu l-appellat isostni li l-argumenti tas-socjeta' appellanti huma tentattiv ta' appell mill-apprezzament tal-provi moghtija l-apparenza ta' punt ta' ligi.

Il-Qorti tissottolinea l-fatt li l-artikolu 82(3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jippermetti appell biss fuq punt ta' ligi fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta. Gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd** deciz fit-30 ta' Settembru 2015[5] -

*"illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravvizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt."*

Il-kwistjoni tax-xoghol odjerna titratta kaz ta' allegata tkeccija ngusta. Filwaqt li l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal *per se* jesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Din il-Qorti f'sentenzi ohra elenkat il-principji ta' dritt li jirregolaw it-tkeccija ta' haddiem mill-impieg tieghu:

Fil-kaz appena citat **Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd** intqal li:

*"L-impieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghal haddiem u il-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' isofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqleb favur il-principal[6]. Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata…."*

Il-kaz **Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited** deciz fl-1 ta' Marzu 2006 ikompli li –

---

[5] Appell Inferjuri Nru 18/2013.

[6] Enfazi tal-qorti.

*"….ta' importanza, imbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva."*

Elenkati dawn il-principji generali ta' dritt jispetta lil din il-Qorti tanalizzahom fl-isfond tal-provi mressqa mill-partijiet fil-kaz odjern sabiex jigi stabbilit jekk l-ezami maghmul tal-provi kienx wiehed logiku, b'motivazzjonijiet ragunati u decizjoni li tirrizulta bhala konsegwenza ragjonevolment logika ma' tali motivazzjonijiet.

L-appellanti tilmenta li m'hemmx rabta bejn il-fatti li kkonstata t-Tribunal u d-decizjoni finali li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ingusta. Il-qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok it-Tribunal sab nuqqasijiet kemm min-naha tal-principal u l-impjegat. Meta qies dawn in-nuqqasijiet wasal ghal konkluzjoni li fic-cirkostanzi t-tkeccija tar-rikorrent ma kinitx flokha. Il-fatt li l-appellat naqas bil-mod kif kellem lis-superjur tieghu, ma jfissirx awtomatikament li t-tkeccija kienet gustifikata. It-Tribunal ikkunsidra wkoll in-nuqqasijiet min-naha tal-principal, u wasal ghal konkluzjoni tieghu. Meta jitqies l-*iter* kollu ta' dak l-iskontru li sehh bejn Robert Aquilina u Victor Spiteri, hu inverosimili li l-agir u r-reazzjoni ta' Spiteri eskala ghal xejn b'xejn.

Fil-jum tal-25 t'Awissu 2010 kien hemm tlett konversazzjonijiet bejn Aquilina u Spiteri li saru bit-telefon, bl-ewwel telefonata ssir f'xi 8.30am minn Aquilina lil Spiteri u l-ahhar telefonata ssir wara nofsinhar minn Spiteri lil Aquilina. La fuq ammissjoni tar-rikorrent stess l-iskop tal-ewwel telefonata filghodu kien li jistaqsi lil Aquilina r-raguni ghalfejn kien gie kancellat il-leave t'Ottubru, allura jekk jitwemmen Robert Aquilina meta jghid[7] li fl-ewwel telefonata huwa kien iccara mar-rikorrent li l-kwistjoni tal-kancellament tal-leave t'Ottubru kienet biss svista, allura l-kwistjoni suppost kellha tieqaf hemm. Izda dan mhux talli ma sehhx talli sighat wara, r-rikorrent rega' cempel lill-Aquilina u sehh l-incident li wassal biex l-appellat jitkecca mix-xoghol. Il-fatt li wara l-ewwel telefonata Aquilina stess stqarr mal-*Human Resources Manager* li kien qieghed janticipa li se tqum xi wahda, ikompli juri li necessarjament intqal diskors filghodu bejn Aquilina u Spiteri li gieghel lil Aquilina stess jassumi li Spiteri kien se jibqa' disturbat dwaru u l-kwistjoni ma kinitx ser tieqaf hemm. Stephen Borg Millo jghid hekk: "*Fit-25th August kien dahal is-Sur Aquilina filghodu u qalli llum ha tinqala' xi wahda ghax kien ghadu kif cempel is-Sur Spiteri fuq il-mobile tas-Sur Aquilina."*[8] Anke l-fatt li Aquilina jghid li qal lil Spiteri biex imur ikellmu l-ufficcju aktar tard juri li fit-telefonata ta' filghodu kienu tqanqlu argumenti li ma ssolvewx b'dik it-telefonata. Dan il-hsieb tal-Qorti jkompli jizdied meta jigi nnutat li wara nofsinhar, meta Spiteri cempel lil Aquilina, huwa ha t-telefonata ta' Spiteri mill-ufficcju ta' Stephen Borg Millo u deliberatament pogga t-telefon fuq *speaker*[9] biex l-

[7] Xhieda tieghu a Fol 42 et seq.

[8] Xhieda Stephen Borg Millo a fol 66.

[9] Minghajr ma jaf ir-rikorrent.

appellat jinstema' x'qieghed mill-persuni li kienu fil-kamra[10]. Il-Qorti tosserva ghal darb ohra li dan l-attegjament ta' Aquilina ma jistax hlief ifisser li huwa kien konxju ta' xi diskors li kien ntqal lil Spiteri aktar qabel u li bih kien qieghed jipprevedi xi reazzjoni mqanqla. In vista tad-diskrepanza fil-verzjonijiet tal-partijiet dwar it-telefonata ta' filghodu, hu difficli li jigi stabbilit it-ton u d-diskors preciz li ntqal filghodu. Pero' dik it-telefonata kellha zgur impatt fuq dak li gara wara. Meta wiehed janalizza dan kollu, ma jistax ikun li Aquilina ma kellu ebda rwol u ma qal ebda diskors li bih inkwieta lil Spiteri dakinhar. Dawn kienu ilhom kollegi fuq il-post tax-xoghol ghal sbatax-il sena u t-tnejn kellhom karigi gholjin. Ma rrizultax li fil-passat kellhom xi incident serju bejniethom, ghalkemm kellhom dizgwid dwar xoghol. Xi haga mhux tas-soltu grat u l-Qorti ma temminx li l-problema holoqha r-rikorrent biss kif targumenta l-appellanti.

Fil-fatt il-Qorti tikkondividi ma' dak li qal it-Tribunal li:

***"l-attitudni ta' Spiteri bil-fors kienet provokata minn xi haga li wegghetu hafna, u din ma setghetx kienet il-kwistjoni tal-leave, meta tqis li ftit jiem qabel applika ghal-leave f'Settembru u dan gie rifjutat bla ebda problemi."***

F'kull kaz l-apprezzament tal-provi m'huwiex sindakabbli fi proceduri ta' appell. It-Tribunal emmen li fl-ewwel telefonata, Aquilina kien ipprovoka lill-appellat bi kliem.

Ma jregix lanqas l-argument tas-socjeta' appellanti li t-Tribunal ibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu favur l-appellat a bazi tal-email li l-appellat baghat lil Robert Aquilina. Ghalkemm huwa minnu li t-Tribunal ghamel riferenza ghal din l-email fir-rikostruzzjoni tieghu tal-fatti kif fil-fehma tighu sehhew, huwa evidenti li r-*ratio decidendi* kien bazat fuq in-nuqqas ta' rispett reciproku li ntwera mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Dan apparti li l-fatt wahdu li l-appellat ma ppreżentax kopja tal-email, ma jfissirx li Spiteri ma baghatiex. Mill-provi rrizulta li l-appellat kellu email address tant li fil-31 ta' Settembru 2010, il-financial controller baghatlu email (fol. 26) fl-indirizz elettroniku, vspit@onvol.net. Kieku riedet waqt il-kontro-ezami l-appellanti kellha kull opportunita' li taghmillu domandi b'riferenza ghall-email, izda ghazlet li ma taghmilx. Setghet ukoll titlob lill-appellat biex jipprezenta kopja tal-email. Talba li ma jirrizultax li saret. Fic-cirkostanzi ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli jemmen lill-appellat li fil-fatt kien baghat email lil Aquilina.

Dan l-aggravju ghalhekk hu michud.

**<u>It-Tieni aggravju.</u>**

Is-socjeta' appellanti tilmenta li d-decizjoni tat-Tribunal kienet vizzjata ghax applikat hazin il-principji tal-artikolu 36(14) tal-Kap 452 dwar il-kawza gusta u sufficjenti ghat-terminazzjoni

[10] Stephen Borg Millo (HR Manager) – xhieda a fol 63 et seq; Anthony Paul Sammut (Maintenance Manager) – xhieda a fol 81 et seq ;u Joseph Sammut (Financial Controller) – xhieda a fol 98 et seq.

tal-impieg. Dan ghaliex fil-fehma taghha, l-agir tal-appellat kien jikkwalifika skont il-ligi bhala raguni tajba ghall-licenzjament tieghu mix-xoghol mal-Kumpanija.

Fl-ewwel lok issir referenza ghall-kaz **Sergio Ciantar vs ST Microelectronics** deciz fit-30 ta' Settembru 2015[11] fejn intqal hekk:

*"In mertu ghall-kuncett tal-kawza gusta ghar-rizoluzzjoni tar-rapport tax-xoghol din il-Qorti kif diversament ippresjeduta esprimiet ruhha bil-mod illustrat hawn taht:-*

*'Il-kuncett "hu ravvizat f'dawk il-fatti u komportamenti li jwasslu ghat-telf ta' fiducja in kwantu din tikkostitwixxi l-presuppost essenzjali ta' rapport bhal dan. Il-kawza gusta trid allura tirrivesti l-karattru ta' nuqqasijiet gravi f'dan l-istess rapport. Il-valutazzjoni dwarha trid tigi operata b'riferiment ghall-aspetti konkreti tal-kaz, il-portata soggettiva u oggettiva tal-fatt innifsu, il-motiv ta' l-element intenzjonali u kull aspett iehor korrelatat ma' l-elementi tar-rapport" ("Anthony Pullicino -vs- Devlands Ltd", 28 ta' Frar, 2008); "Ian Xuereb vs Maltapost – deciza 06/06/2009)."*

Dan l-aggravju jorbot ma' dak ta' qablu. Din il-Qorti diga' esprimiet ruhha dwar il-kuntest shih tal-fatti li fih agixxa r-rikorrent appellat. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti ssostni li ma saret l-ebda prova ta' provokazzjoni (fol. 5). Pero' mhux hekk irrizulta lit-Tribunal, u f'dan ir-rigward il-qorti m'hemmx bzonn li tirrepeti dak li diga' nghad fir-rigward tal-ewwel aggravju. L-appell ma jistax iservi biex isir apprezzament ta' fatti mill-gdid, gialadarba m'hemmx jedd ta' appell fuq punt ta' fatti.

M'hemmx dubju li l-lingwagg li uza l-appellat hu deplorevoli u kien ghal kollox barra minn loku. Ovvjament wiehed ma jistax jiddeciedi dwar dak li ntqal fit-telefonata b'mod izolat. It-Tribunal ghamel sew meta kkunsidra l-kwadru kollu tal-fatti u mhux biss x'intqal fit-telefonata li wasslet ghat-tkeccija ta' Spiteri. Il-qorti tibda biex tosserva li ma taqbilx mal-fatt li:

i. kien Aquilina stess li ha d-decizjoni li l-appellat jitkecca. Aquilina qatt ma seta' jkun oggettiv fid-decizjoni li ha in kwantu l-kliem kien indirizzat lilu.
ii. Ghalkemm l-appellanti pprovat taghti l-impressjoni li l-appellat inghata c-cans li jaghti spjegazzjoni ta' x'wassal ghall-agir tieghu, fir-realta' Aquilina mill-ewwel ha d-decizjoni li l-appellat kellu jitkecca tant hu hekk li qabel gie nfurmat li tkecca, intalab jirritorna d-dokumenti kollha tal-kumpannija (ara email ta' Joseph Sammut datata 31 ta' Awissu 2010).

Min-naha l-ohra ghalkemm fit-trattazzjoni quddiem it-Tribunal id-difensur tal-appellat argumenta li kien agixxa b'dak il-mod ghaliex l-appellat kien fehem li tkecca, il-qorti m'hijiex konvinta minn din l-ispjegazzjoni. Li kieku l-affarijiet graw bil-mod kif spjega d-difensur, l-ghada tal-incident l-appellat ma kienx jirrapporta lura ghax-xoghol. M'hemmx dubju li l-kliem li l-appellat qal lil Aquilina hu kundannabbli u tal-misthija. Min-naha l-ohra l-qorti hi tal-fehma li mill-provi cirkostanzjali hu evidenti li dak li qal l-appellat kien b'reazzjoni ghal dak li qallu

[11] App Inferjuri Nru 7/14.

Aquilina iktar kmien f'dik il-gurnata. Il-qorti ma tistax tispjega mod iehor l-atteggament ta' Spiteri, meta tqies li m'hemmx prova li f'perjodu ta' sbatax-il sena mpieg kellu xi incident simili ma' superjur tieghu. Sahansitra dik is-sena stess kien inghata zieda ta' €1,000 fis-salarju u f'ittra datata 28 ta' Mejju 2010 Aquilina rringrazjah *".... for your efforts, loyalty and initiative and look forward to working with you in the future."* Filwaqt li l-impiegat ghandu d-dmir li juri rispett lejn is-superjur tieghu, min-naha l-ohra min jokkupa karigi gholjin m'ghandux dritt jabbuza mill-posizzjoni tieghu u mbaghad jippretendi li ma jkunx hemm reazzjoni. Hu evidenti li t-Tribunal emmen il-verzjoni tal-appellat li kien Aquilina li ta lok ghall-bidu ta' incident bla bzonn, li wassal ghal reazzjoni tal-impiegat. F'dan ir-rigward it-Tribunal osserva li l-appellat:

*".... Irreagixxa aggressivament sal-punt li lil Spiteri qallu 'Jekk inti mdejjaq u xbajt itlaq'. Spiteri rrispondieh li jekk jitlaq hu, Borg Millo (li sotlu jirrimpjazzah) ma kienx kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu sew, u hawnhekk rrispondieh li fil-kaz ix-xoghol ta' Spiteri jibda jaghmlu hu. Jidher li Aquilina ma riedx ikecci lil Spiteri imma ried jurih li hu jikkmanda, pero' b'li gara u bi kliemu Spiteri wegga', kien konfuz u ma hassux f'kundizzjoni li jibqa' fuq ix-xoghol u telaq, aktar u aktar peress li kellu jmur ghal impenn iehor."*

Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-kumpannija naqset milli tinvestiga l-agir ta' Aquilina fil-konfront tal-appellat. Filwaqt li Spiteri tkecca, m'hemmx prova li Aquilina intalab jaghti spjegazzjoni. Meta xehed, Aquilina cahad li ghamel xi haga hazina. Il-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal dwar l-apprezzament tal-provi, m'huwiex sindakabbli in kwantu ma jezistix appell fuq punt ta' fatt. Dan kien incident li nqala' bla bzonn minhabba zball li ghalih l-appellat ma kellu l-ebda tort. Qabel tittiehdet decizjoni ta' tkeccija, il-kaz kien jitlob li jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti li l-principal ma kkunsidrax cirkostanzi li jimmitigaw il-gravita tal-kaz ghal dak li jikkoncerna l-posizzjoni tal-impiegat. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li d-decizjoni li l-appellat jitkecca, ittiehdet minnufih u ma kienx hemm lok ghal diskussjoni. Persuna bi 17 il-sena servizz li kien leali lejn il-principal, ma kellux jitkecca fuq *misunderstanding* li facilment seta' jigi ccarat. Hu veru li l-konversazzjoni bejn Aquilina u l-appellat nstemghet minn terzi, pero' dik kienet l-ghazla ta' Aquilina. Ghalhekk tali fatt m'ghandux jintuza kontra l-appellat. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li t-Tribunal Industrijali seta' jiehu biss decizjoni wahda, cjoe' dik li t-tkeccija kienet gusta. Fic-cirkostanzi m'hemmx bazi biex jintlaqa' t-tieni aggravju u ghalhekk hu michud.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell tas-socjeta' appellanti bl-ispejjez kontra taghha.**

Anthony Ellul.